MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 940/2006

**Adrian Abela**

**vs**

**George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur tal-assenti Frances mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela ulied Carmelo Abela u ghall-interess illi ghandhom, John Abela, Anthony Abela, Emanuel Abela, Josef Abela u Doris Abela**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Adrian Abela li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

B’testament maghmul *unica charta* minn Emanuele Abela u martu Martha Abela fid-19 ta’ Novembru 1981, l-imsemmija testaturi konjugi Abela kienu, *inter alia*, hallew

b'titolu ta' legat in proprjeta' assoluta lill-attur odjern u lil huh il-konvenut Josef Abela, il-fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola, u istitwew lil John u Anthony, ahwa Abela uliedhom, bhala l-eredi universali taghhom, f'sehem indaqs bejniethom.

L-imsemmi Emanuele Abela miet fis-26 ta' Frar 1982 u t-testment tieghu *unica charta* fuq imsemmi kien l-ahhar testament tieghu.

L-imsemmija Martha Abela mietet fit-13 ta' April 1983.

Irrizulta illi b'testament sigriet datat it-23 ta' April 1982 u ppubblikat min-Nutar Henri Vassallo fil-31 ta' Mejju 1993, hija kienet irrevokat it-testment *unica charta* taghha fuq imsemmi, naturalment in kwantu kien jirrigwarda l-beni u l-proprjeta' taghha.

L-attur jinsab fil-pussess tal-imsemmi fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola, u dan wara li gie mqieghed fil-pussess tieghu minn missieru Alfred Abela u mill-konvenuti John u Anthony, ahwa Abela u bil-kunsens tal-konvenuti l-ohra kollha hlief appuntu dawk illi istitwew kontra tieghu, il-kawza hawn taht imsemmija.

B'kawza pprezentata minnhom quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' April 2004, il-konvenuti George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur tal-assenti Frances mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela ulied Carmelo Abela wara li ppremettew illi (oltre proprjeta' ohra la ma hix meritu ta' din il-kawza), l-attur (flimkien ma' martu Sabrina Abela) qeghdin jokkupaw l-imsemmi fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola, minghajr ebda titolu validu fil-Ligi, talbu lil dik l-Onorabbli Qorti illi tikkundanna lill-istess attur u l-imsemmija martu Sabrina Abela illi jizgumbraw l-istess fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola.

L-attur (konvenut ghalhekk f'dik il-kawza) ikkontesta l-kawza hekk istitwita kontra tieghu billi, *inter alia*, eccepixxa illi kellu titolu reali fuq l-imsemmi fond gej mill-

fatt illi, flimkien mal-imsemmi huh Josef Abela, kien gie istitwit legatarju tan-nofs indiviz tal-istess fond, kif inghad, u li ghalhekk kien komproprjetarju tal-istess fond.

L-attur kien ukoll eccepixxa illi tali eccezzjoni necessarjament tqanqal kwistjoni ossia kontroversja dwar jeddijiet reali fuq gid immobiljarju, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghandhiex il-kompetenza *rationae materiae* a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12.

B’sentenza moghtija f’dik il-kawza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fit-18 ta’ Lulju 2006, laqghet l-eccezzjoni tal-attur (konvenut f’dik il-kawza) dwar kompetenza u pprefiggiet terminu ta’ tlett xhur sabiex l-attur jiddeduci l-pretenzjoni tieghu ghar-rivendikazzjoni tal-proprjeta’ quddiem il-Qorti Superjuri.

Talab l-attur jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Previa okkorrendo dikjarazzjoni illi l-attur gie mqieghed fil-pussess tal-fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola, mill-konvenuti John u Anthony, ahwa Abela, tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-kwart indiviz tal-fond 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola, provenjenti tali titolu lill-attur bis-sahha tat-testment tal-imsemmi Emanuele Abela, fuq imsemmi u bis-sussegwenti immissjoni fil-pussess tieghu mill-eredi tal-imsemmi Emanuele Abela u ghalhekk huwa l-komproprjetarju tal-istess fond flimkien mal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti illi huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur tal-assenti Frances mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella mart Raymond Sant u Nathalie Abela ulied Carmelo Abela, li permezz taghha eccepew illi:

Preliminarjament, l-attur m'ghandux l-interess guridiku biex jintavola din il-kawza stante illi la huwa proprjetarju ta' xi sehem indiviz ta' din il-proprjeta' u lanqas huwa legatarju mqieghed fil-pussess kif isostni u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu illi l-attur huwa proprjetarju ta' xi parti indiviza ohra tal-fond 179, Honey House, Triq Ninu Cremona, Paola, u l-istess attur qatt ma gie mqieghed fil-pussess tal-legat minnu msemmi u ghalhekk mhuwiex ko-proprjetarju tal-imsemmi fond 179, Honey House, Triq Ninu Cremona, Paola.

Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu illi l-attur gie mqieghed fil-pussess tal-fond 179, Honey House, Triq Ninu Cremona, Paola, kif allegat.

Dwar il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat, dak imsemmi fl-ewwel u t-tieni paragrafu mhuwiex kontestat, dak imsemmi fit-tielet, fir-raba', fil-hames paragrafu, huwa kontestat u mhemmx qbil dwaru. Illi, dak imsemmi fis-sitt, fis-seba' u t-tmien paragrafu hemm qbil dwar il-fatti kif hemm imsemmija. Illi, rigward dak imsemmi fid-disa' paragrafu, l-esponenti ma jaqblux mal-interpretazzjoni illi qieghed jaghti l-attur lis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Lulju 2006.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti John Abela u Anthony Abela, li permezz taghha eccepew illi:

It-talba attrici hija fondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Huwa minnu li l-eccipjenti John Abela u Anthony Abela kienu poggew fil-pussess lill-attur fil-legat imholli lilu u cioe' il-fond, ossia is-sehem indiviz spettanti lilu tal-fond numru 179, Honey House, Ninu Cremona Street, Paola.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakolta’ li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub kif mitlub mill-istess rikorrenti, l-istess partijiet naqsu milli jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, Adrian Abela qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni li huwa proprjetarju ta’ kwart tal-fond 179, Ninu Cremona Street, Paola u li gie mqieghed fil-pussess tal-istess fond mill-eredi John u Anthony Abela.

Jirrizulta mill-provi illi permezz ta’ testment *unica charta* maghmul fid-19 ta’ Novembru 1981, Emanuele u martu Martha Abela kienu hallew b’titolu ta’ legat il-fond 179, Triq Ninu Cremona, Paola, lil Adrian u Josef Abela. Permezz tal-istess testment, John u Anthony Abela kienu gew istitwiti eredi universali.

Emanuele Abela miet fis-26 ta’ Frar 1982. Sussegwentement, Martha Abela, permezz ta’ testment sigriet fit-23 ta’ April 1982 irrevokat it-testment taghha fuq citat ghal dak li kellu x’jaqsam ma’ gidha. Martha Abela giet nieqsa fl-10 ta’ April 1983. B’hekk irrizulta pruvat li Adrian u Josef Abela wirtu b’titolu ta’ legat biss nofs il-fond Nru. 179, u cioe’ sehem Emanuele Abela biss. Bhala eredi universali taghha gew istitwiti uliedha George Abela, Frances Gatt, ulied Carmelo Abela li kien mejjet diga’, John Abela, Josef Abela, Anthony Abela, Emanuel Abela u Alfred Abela.

Ikkunsidrat illi l-Art. 726 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

“*726. (1) Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga imhollija legat.*”

L-insenjament ta’ dawn il-Qrati fil-materja ta’ immissjoni fil-pussess gie sintezizzat fil-kawza “Vella et vs Vella”

(deciza mill-Prim'Awla fis-6 ta' Ottubru 2011 mill-Imhallef M. Chetcuti):

"*Il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala "kreditur" tal-wirt. Bhala "kreditur", l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu. L-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.*

*Inoltre skont il-***Laurent (Diretto Civile Vol XIV para 21 et seq)***:*

*Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistghax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u suggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss fil-pussess.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma ssib ebda xkiel biex tiddikjara illi, anke qabel l-att pubbliku maghmul mill-eredi John u Anthony Abela (att dan li sar fil-mori ta' dawn il-proceduri), l-istess John u Anthony Abela kienu diga' esegwew dawk l-atti kollha li urew kjarament illi kienu qeghdin jesegwixxu l-immissjoni fil-pussess.

Adrian Abela jixhed hekk:

"*Qabel ma bdejna x-xoghlijiet, missieri kien qalli biex immur inkellem liz-zijiet John u Anthony billi huma kienu l-werrieta tan-nannu tieghi u nghidilhom illi kont sejjer nibda nghix fil-post bhala s-sid. Wara ftit missieri qalli illi huwa kien kellimhom u avzahom illi kont sejjer noqghod hemm. Missieri qalli illi dan kien qieghed jaghmlu sew bhala*

*forma ta' kortesija u kif ukoll ghaliex is-sehem tieghi tal-post kien gej mill-wirt tan-nannu u li hutu John u Anthony kienu l-werrieta tan-nannu.*

*Kien car ghalija illi missieri kien avza liz-zijiet illi jiena kont sejjer nghix fil-post ghaliex huma t-tnejn kienu jistaqsuni kif kont sejjer bix-xoghlijiet, jew jghadduli kummenti bic-cajt dwar kemm kont qed naqla' xoghol. Spiss staqsewni meta kont sejjer nlesti bix-xoghol.*"

L-eredi John Abela fl-affidavit tieghu jikkonferma:

"*.... kien ghal din il-habta li hija Alfred Abela kien informa lili u lil hija Anthony Abela li ibnu Adrian kien ser imur jghix go dan il-fond appena jizzewweg u li kien beda bix-xoghlijiet ta' riparazzjonijiet. Jiena ma sibt l-ebda oggezzjoni ghal dan. Naf ukoll li hija Anthony Abela ma sabx oggezzjoni lanqas. Kemm-il darba kont nghaddi minn quddiem dan il-fond peress illi l-garaxx tax-xoghol tieghi jinsab ftit metri 'l boghod minn dan il-fond u ghalhekk kont nara lil Adrian u l-haddiema fuq il-post jaghmlu x-xoghlijiet.*"

Anthony Abela, l-eredi l-iehor jikkonferma dan kollu. Ma ngabu lill-Qorti ebda provi biex ixejnu dawn id-dikjarazzjonijiet.

Il-Qorti tinnota illi mill-konvenuti xehed biss George Abela, wiehed mill-eredi ta' Martha Abela. Dan isostni li hu qatt ma ta ebda kunsens lil Adrian Abela biex joqghod fil-fond. Madanakollu, din il-Qorti tqis li r-relazzjonijiet ta' bejn il-komproprjetarji tal-fond immorru oltre l-iskop ta' din il-kawza. Il-Qorti hija essenzjalment limitata bil-parametri tat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur. Il-kawza tirrigwarda biss il-legat imholli lil Adrian Abela u l-immissjoni fil-pussess tal-istess legat da parti tal-eredi universali tad-decuius li halla l-legat. Kull kwistjoni ohra bejn il-partijiet m'ghandhiex lok f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur tal-assenti Frances Gatt,

Mariella Sant u Nathalie Abela, tilqa' t-talba ta' Adrian Abela u tiddikjara li l-istess Adrian Abela huwa proprjetarju ta' kwart indiviz tal-fond 179, "Honey House", Ninu Cremona Street, Paola. Il-Qorti tiddikjara wkoll illi huwa gie mqieghed fil-pussess mill-eredi ta' Emanuele Abela.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn George Abela, Jesmond Abela bhala prokuratur ta' Frances Gatt, Mariella Sant u Nathalie Abela.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------